KAWŻA TAL-BEATIFIKAZZJONI

# P. Avertan Fenech, O.Carm.

minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.

*Viċi-Postulatur*




• Matul ix-xhur li għaddew diversi gruppi u individwi żaru ċ-ċella u l-qabar ta' P. Avertan Fenech fil-Kunvent u l-Knisja tal-Karmnu fl-Imdina. Il-Proċess Djoċesan jidher li miexi b'pass tajjeb kemm min-naħa tat-Tribunal Ekkleżjastiku kif ukoll mill-Kummissjoni Storika. Il-Poplu ta' Alla jkompli juri l-għeħ li fih iżomm lil P. Avertan bl-ittri li ta' spiss jaslu fl-Uffiċċju tal-Viċi-Postulazzjoni kif ukoll bit-talba għas-santi u l-bijografija tal-Qaddej ta' Alla.

• Qabel l-Għid saru diversi rtiri u żjajjar organizzati mill-Parroċċi tal-Fgura, tal-Isla u ta' Santa Venera, li fihom ġie mfakkar P. Avertan. L-Arċipriet tal-Isla talab mill-Uffiċċju tal-Viċi-Postulatur, 5,000 santa bit-talba ta' P. Avertan lil Ġesù Redentur biex jitqassmu lill-pellegrini li jżuru r-Redentur tal-Isla. Minn dawn is-santi tqassmu wkoll f'dawk il-knejjes fejn hemm id-devozzjoni u l-festa ta' Ġesù Redentur. Nirringrazzjaw lill-*Outlook Press* li stampat is-santi b'xejn.





• Attività mill-isbaħ kienet organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar il-21 ta' April 2017. F'din il-Lejla Mużiko-Letterarja, P. Avertan ġie mfakkar bħala bin il-Mosta u reliġjuż Karmelitan ta' qdusija. Il-viċi-postulatur, P. Charlò Camilleri, kien mistieden jitkellem fuq il-ħajja spiritwali tal-Qaddej ta' Alla, filwaqt li l-Provinċjal, P. Alexander Vella, tkellem dwar il-fama ta' qdusija li dejjem gawda P. Avertan. It-Terzjarja Karmelitana, is-Sinjura Anna Cordeiro, tkellmet ukoll dwar l-esperjenza li għandha tiegħu sa minn meta kienet

żgħira u s-sehem tagħha fit-tixrid tad-devozzjoni lejn P. Avertan. Matul is-serata kien hemm siltiet mużikali u qari mill-kitbiet tal-Qaddej ta' Alla. Il-Lejla ntemmet bi żjara lill-monument ta' P. Avertan u tqiegħdet kuruna tal-fjuri mis-Sindku tal-Mosta, is-Sur Ivan Bartolo.



• Nhar it-3 ta' Mejju, it-tielet Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu, Mons. Arċisqof, Charles Scicluna, iċċelebra mal-komunità tal-Imdina l-Quddiesa tal-okkażjoni u mexxa l-Kitba fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Qabel il-quddiesa huwa żar privatament u nġabar fit-talb quddiem il-fdalijiet ta' P. Avertan Fenech. Wara l-quddiesa huwa żar ukoll u waqaf jitlob fiċ-ċella ta' P. Avertan Fenech u ħalla mniżżla talba f'*Il-Ktieb tal-Viżitaturi.*

• Il-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta qed torganizza *seminar* kull xahar miftuħ għall-pubbliku dwar temi marbuta mal-fidi u l-isfidi pastorali. Is-sitt *seminar*, li sar nhar l-Erbgħa, 14 Ġunju 2017, fl-4.00pm fil-*Boardroom* tal-Fakultà, kien dwar P. Avertan Fenech, O.Carm. Il-kelliema kienu Dr Pauline Dimech u Rev. Dr John Berry. Għas-seminar kien hemm preżenti numru sabiħ ta' parteċipanti.

## Talba ta' P. Avertan Fenech

*(meħuda mill-pitazz tal-meditazzjonijiet tiegħu)*

O maħbub Ġesù, Missier u benfattur tagħna, aħna mistagħġbin mill-ħniena bla tarf tiegħek, li ma kienet qatt tistħoqqilna minħabba l-ingratitudni tagħna lejk. Iżda le, la tkeċċiniex minn quddiemek, kif tabilħaqq jistħoqqilna: aħna jisgħobbina b'qalbna kollha mill-ħtijiet tagħna l-imgħoddija; nirringrazzjawk ukoll bil-qalb tal-ħniena kbira li użajt magħna tant drabi... Le, O Sinjur Alla tagħna, la tippermettix li aħna nabbużaw mill-grazzja kbira li għoġbok tagħtina... iżda fidili, agħmel li dejjem nikkorrispondu sabiex nimmeritaw il-paċi f'din il-ħajja u ċ-ċertezza tas-salvazzjoni fil-punt ta' mewtna.

## Benefatturi fis-sema

**Paul Calleja,**

**missier P. Raymond, O.Carm., li miet fil-31 ta' Mejju 2917 fl-għomor ta' 87 sena.**

***Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.***